**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum, sitta u għoxrin (26) ta' Marzu 2024

Kawża Nru 496/2023

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josef Gauci)**

Vs

**Anthony Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Anthony Camilleri** ta' "Andy's" Triq David Cocco Palmieri, Nadur, Għawdex detentur tal-karta tal-identita 22658(G) fejn huwa ġie akkużat li nhar is-sebgħa (7) ta' Lulju 2023 għall-ħabta tad-disgħa neqsin ħamsa ta' filgħaxija (20.55hrs) fl-inħawi ta' Triq ix-Xlendi, Munxar, Għawdex:

(1) Wara li kien involut f'inċident b'vettura bil-mutur, naqas li bħala sewwieq jieqaf, jew meta hekk kien mitlub minn xi uffiċjal tal-Pulizija, uffiċjal tal-komunità jew minn xi persuna oħra li kellha raġuni biżżejjed li titlob li jsir hekk, naqas li jagħti l-isem u l-indirizz tiegħu, kif ukoll l-isem u l-indirizz tas-sid tal-vettura u d-dettalji tal-assiguratur tal-vettura, kif ukoll il-marka jew numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura;

(2) B' nuqqas ta' ħsieb bi traskuraġni, jew b' nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b' nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti ikkaġuna ħsara jew ħassar jew għarraq xi ħaġa fuq vettura bin-numru tar- reġistrazzjoni LCN 797 għad- dannu ta' Doreen Micallef;

Il-Qorti ġiet mitluba li f'kas ta' ħtija, tissospendi l-licenzja tas-sewqan tal-imputat għal zmien li jidhrilha li huwa xieraq.

Rat illi l-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif preseduta nhar is-dsatax (19) ta' Frar 2024 tramite l-Assenjazzjoni ta' Kawżi u Doveri maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat il-provi kollha miġbura;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Il-każ jikkonċerna inċident stradali li seħħ fi Triq ix-Xlendi, Munxar, Għawdex. Il-fattispecie tal-każ huma s-segwenti: nhar is-sebgħa (7) ta' Lulju 2023, il-parte civile Doreen Micallef kienet qed issuq il-vettura tagħha tal-marka Skoda Fabia bin-numru tar-reġistrazzjoni LCN 797. Ġara li f'ħin minnhom daqqilha l-mobile, hija ġibdet għall-ġenb tat-triq u waqfet l-vettura tagħha sabiex tkun tista' tirrispondi l-mobile. Hekk kif kienet wieqfa, għaddiet vettura minn mal-ġenb tagħha u din il-vettura kissret il-mera tal-vettura tagħha u baqgħet sejra. Il-parte civile m'għarfitx min kien qed isuq iżda identifikat in-number plate tal-vettura li kienet involuta. In-number plate tal-vettura in kwistjoni kien DCB 198. Il-parte civile marret għamlet rapport l-Għassa tar-Rabat, Għawdex u l-Pulizija waslu għall-akkużat Anthony Camilleri.

Min-naħa tiegħu Anthony Camilleri ċaħad li huwa kien involut f' xi inċident tat-traffiku; sostna li l-vettura tiegħu fil-ħin tal-inċident kienet parkeġġjata f'għalqa fi Triq Ulisse, Marsalforn peress li huwa kien xogħol fir-ristorant tiegħu "Ta' Pennellu Restaurant" li jinsab f'Marsalforn. Iċ-ċwievet tal-istess vettura kienu l-ħin kollu fuq il-persuna tiegħu. Huwa qal wkoll li l-vettura dakinhar ma kinitx iċċaqalqet mill-post ta' parkeġġ tagħha u fil-ħin tal-inċident il-vettura tiegħu kienet qiegħda parkeġġjata Marsalforn.

Ikkunsidrat;

Fit-trattazzjoni tagħha d-difiża tqajjem l-eċċezzjoni tal-preskrizzjon fir-rigward tat-tieni (2) akkuża. Dan in vista tal-korrezzjoni li saret fis-seduta tat-tnax (12) ta' Jannar 2024. Tgħid li din l-akkuża hija preskritta bid-dekors ta' tlett xhur. Id-difiża f'dan ir-rigward m'għandhiex raġun. L-artikolu 328(d) tal-Kap. 9 jistabilixxi piena ta' priġunerija għal mhux iżjed minn tlett (3) xhur. Jekk wieħed imbagħad jagħmel riferenza għall-artikolu 688 tal-Kap. 9 preċiżament l-paragrafu (e) tal-istess artikolu issib li delitti suġġetti għal piena ta' anqas minn sena priġunerija huma suġġetti għall-perijodu ta' preskrizzjoni ta' sentejn u mhux ta' tlett (3) xhur. L-inċident seħħ fis-sebgħa (7) ta' Lulju 2023 u għalhekk meta saret il-korrezzjoni il-perijodu sabiex l-azzjoni kriminali taqa' preskritta kien għadu m'għaddhiex. **<u>Din l-eċċezzjoni qiegħda għalhekk tiġi miċħuda</u>**.

Ikkunsidrat;

Bħala fatt m'hemmx dubju li l-inċident seħħ. Il-Qorti hija konvinta li l-kawża tal-inċident kien in-nuqqas ta' attenzjoni tas-sewwieq li kien qed isuq mix-Xlendi fid-direzzjoni lejn il-Fontana. Huwa evidenti li dan is-sewwieq ma kienx qiegħed isuq b'mod prudenti; fil-posizzjoni li ġiet parkeġġjata l-vettura tal-parte civile sabiex hija twieġeb il-mobile tagħha ma setax ikun li s-sewwieq tal-vettura involuta u li kien ġej min-naħa ta' wara tal-vettura tal-parte civile ma rax il-vettura tal-istess parte civile parkeġġjata mal-ġenb tat-triq. Mid-deskrizzjoni li tat il-parte civile

Doreen Micallef dwar fejn seħħ l-inċident, wieħed għandu viżwali pjuttost fit-tul tat-triq u għalhekk ma jistax jingħad li dan is-sewwieq sab il-vettura ma' wiċċu fl-aħħar sekonda b'mod li huwa spiċċa fl-impossibilita li jevita tali vettura. Is-sewwieq għalhekk seta' faċilment jara l-vettura u jżomm 'l barra minnha. Il-fatt li m'għamilx hekk huwa indikattiv li l-istess sewwieq ma kienx attent fis-sewqan tiegħu u kien qed isuq b'nuqqas ta' kont. Per kawża tal-istess inċident, il-parte civile soffriet danni fil-vettura tagħha, liema danni ammontaw għal mija u tnejn u sebgħin ewro u sittin ċenteżmu (€ 172.60). Dan wara li tkissret il-mera tal-vettura tal-parte civile per konsegwenza tal-impatt li kellha l-vettura l-oħra mal-vettura tal-parte civile. Mill-provi irriżulta wkoll li dan is-sewwieq ma waqafx mal-ħabta iżda baqa' sejjer u dan minkejja s-sinjali li għamlitlu l-parte civile Doreen Micallef.

Sabiex pero tinstab ħtija fl-akkużat għall-akkadut jeħtieġ pero li jiġi ippruvat in-ness bejn l-istess akkużat u l-akkadut. Il-mistoqsija li trid tiġi imwieġba huwa jekk l-akkużat kienx qed isuq il-vettura fil-ħin ta' dan l-inċident u jekk kienx hu li ikkaġuna l-ħsarat fuq il-vettura tal-parte civile.

Minn eżami tax-xhieda li ingħataw f'dawn il-proċeduri, il-Qorti tislet is-segwenti fatti:

(a) Il-parte civile Doreen Micallef m'għarfitx is-sewwieq li kien qed isuq il-vettura. Tgħid pero li l-vettura involuta kienet DCB 198 u li

l-Pulizija waslu għal Anthony Camilleri abbażi tan-number plate li tathom hi stess;

(b) Ix-xhud Simon Micallef (li kien fil-vettura ma' Doreen Micallef) jikkonferma wkoll li huwa lanqas ma kien rnexxielu jidentifika lis-sewwieq fil-ħin tal-inċident għax dan *"baqa' għaddej sparat"*. Jindika lil Anthony Camilleri għax il-Pulizija waslu għalih min-number plate li kienet indikat Doreen Micallef lill-Pulizija;

(c) Anthony Camilleri kemm fil-verżjoni li huwa ta lill-Pulizija dakinhar stess li seħħ l-inċident kif wkoll fix-xhieda li huwa ta quddiem din il-Qorti insista li fil-ħin tal-inċident l-vettura tiegħu kienet parkeġġjata Marsalforn. Huwa inniffsu kien Marsalforn fir-restaurant li huwa għandu f'Marsalforn stess u ċ-ċavetta tal-istess vettura kienet fuqu. In sostenn ta' dan, l-istess Anthony Camilleri ippreżenta wkoll z-Z reading tal-cash register tal-ħanut tiegħu biex jikkonferma li l-ħanut tiegħu kien miftuħ dakinhar. Din il-verżjoni ta' Camilleri ikkorraborawha wkoll ħaddiema li dakinhar kienu qegħdin jaħdmu fl-istess ħanut tal-akkużat u cioe Dora Halyerski u Amarildi Hyzellani kif wkoll missier l-akkużat Adrian Camilleri. Rigward il-mirja li kienu jidhru milqutin, Camilleri kemm *a tempo vergine* kif wkoll waqt id-deposizzjoni tiegħu ikkonferma li huwa joqgħod fi triq dejqa u ġieli ħabat il-mirja tal-vettura tiegħu.

Tenut kont dak li ħareġ mix-xhieda li instemgħu, din il-Qorti ma tistax tasal sabiex b'ċertezza tikkonkludi li l-akkużat Anthony Camilleri kien qed isuq il-vettura li tajret il-mera tal-vettura tal-parte civile. Għajr għan-number plate tal-vettura indikata mill-parte civile li **jidher** li hija abbinata ma' Anthony Camilleri,[1] m'hemm l-ebda prova li tindika li Camilleri kien għaddej bil-vettura tiegħu mill-post fejn seħħ l-inċident. Anzi mill-provi li ipproduċiet id-difiża, Camilleri dak il-ħin kien qiegħed fir-ristorant tiegħu f'Marsalforn. Missier l-akkużat Adrian Camilleri saħansitra jistqarr li wara li ibnu rċieva t-telefonata mill-Għassa rigward dan l-inċident, kienu marru jiċċekkjaw jekk il-vettura kinitx għadha fil-post li ħallewha parkeġġjata f'Marsalforn għaliex għall-ewwel ħasbu li kienet insterqet.[2] Iżda l-vettura kienet għadha fil-post li ħallewha. Il-Qorti tempatizza mal-parte civile li soffrew danni fil-vettura tagħhom minħabba sewqan bla kont; iżda fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ, ma jistax jitqies li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-akkużat kien responsabbli għal dan l-inċident.

**Decide**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti:

---

[1] Dan qed jingħad għaliex il-Prosekuzzjoni lanqas ma tellgħet bħala xhud lir-rappreżentant ta' Transport Malta biex jindika fuq isem min hija reġistrata l-vettura DCB 198.
[2] Ara xhieda ta' Adrian Camilleri mogħtija fis-seduta tal-21 ta' Frar 2024.

(a) qiegħda tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mid-difiża fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni;

(b) **mhux qegħda issib lill-akkużat Anthony Camilleri ħati** tal-akkużi li ġew dedotti fil-konfront tiegħu u konsegwentement qiegħda għalhekk tilliberah minn kull ħtija u piena.

(ft.) Dr. Jean Paul Grech

Maġistrat

(ft.) Diane Farrugia

Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur